# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 1158/07 SM**

**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala mandatarju specjali tal-assenti Ahmed Shekeb Salem u b'nota tas-16 ta' Marzu 2009, assuma l-atti bhala prokuratur Dottor Raymond Zammit u b'nota tal-24 ta' Novembru 2009, Dottor Kevin Camilleri Xuereb assuma l-atti flok Dottor Ray Zammit bhala mandatarju specjali tal-assenti Ahmed Shekeb Salem**

**v.**

**Laferla Insurance Agency Limited li maghha nghaqdet is-socjeta` Laferla Insurance Brokers Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici prezentat fit-30 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu hija talbet li jigi revokat minn din il-Qorti d-digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu dik il-Qorti

laqghet it-talba tas-socjeta` konvenuta biex tressaq provi dwar il-kontenut ta' kopji ta' tliet sentenzi esebiti mill-attur nomine u li skont l-istess konvenuta ma jaqblux ma' xulxin u rat ir-risposta relattiva tas-socjeta` intimata.

L-appellanti talbet il-permess mehtieg biex taghmel dan l-appell ai termini tal-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 u dan inghata permezz ta' digriet tas-26 ta' Marzu 2015.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn: is-socjeta` attrici istitwiet il-kawza biex il-Qorti tawtorizzaha tesegwixxi sentenza moghtija mill-Qorti ta' Kassazzjoni tal-Egittu li saret definittiva fl-10 ta' Mejju 2007. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet ir-raba' eccezzjoni tal-intimata izda wara li sar appell minn dik id-decizjoni din il-Qorti irrevokatha permezz tas-sentenza taghha tal-25 ta' Ottubru 2013 u regghet baghtet lura l-atti lill-Prim' Awla biex tkompli tisma' l-kawza.

Li gara wara kien li permezz ta' digriet tat-28 ta' Mejju 2014 is-socjeta` intimata talbet li tressaq il-provi dwar dawn is-sentenzi kif issemma u wara r-risposta tal-attur nomine, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba. Is-socjeta` attrici qeghda allura tappella minn din id-decizjoni.

F'dan l-istadju naturalment il-Qorti ma hijiex se tidhol fil-mertu tal-kawza *ut sic* izda se tidhol biss fil-kwistjoni ta' jekk is-socjeta` initmata ghandiex f'dan l-istadju tinghata l-opportunita` li taghmel il-prova li qed titlob li taghmel. Huwa minnu li l-Qorti dejjem tista' tirrevoka *contrario imperio* kull digriet li tkun tat sakemm tkun sodisfatta li jkun ghaqli u sewwa li taghmel dan. Ghalhekk ghalkemm l-ewwel Qorti kienet gia` cahdet it-talba tal-appellata biex tressaq din il-prova fil-15 ta' Marzu 2011, il-Qorti dejjem setghet tbiddel dik id-decizjoni fuq talba taghha. Dan qed jinghad ghaliex minn ezami tal-process jirrizulta li l-14 ta' Gunju 2011, il-Qorti kienet iddikjarat maghluqa l-provi tal-konvenuta. Kif sewwa rrimarkat l-appellanti pero` d-dokumenti li qed jintalab li jitressqu provi dwarhom kienu gew esebiti qabel u cioe` a fol. 150 fl-10 ta' Jannar 2010. Huwa minnu wkoll pero` li dawn gew ikkonfermati bil-gurament f'Lulju 2011 u allura wara li gew dikjarati maghluqa l-provi tal-konvenuta.

Madankollu l-istess socjeta` appellata ma kelliex bzonn il-konferma tal-gurament biex tara s-sentenzi u tintebah b'xi diskrepanzi jekk dan huwa l-kaz u certament kellha l-opportunita` biex titlob li tressaq il-provi dwarhom; kif sewwa rrimarkat is-socjeta` appellanti, anke wara li saret il-konferma permezz tal-gurament, is-socjeta` appellata stenniet kwazi tlett snin biex taghmel din it-talba.

Din il-Qorti indubbjament tara dan l-agir censurabbli u huwa sintomatiku ghaliex certi kawzi jdumu aktar mid-dovut biex jaslu ghat-tmiem taghhom. Ladarba s-socjeta` appellata naqset milli taghmel it-talba taghha fis-seduta sussegwenti jew ghall-inqas fis-seduti li gew immedjatament wara, ma jistax ikun illi tali attegjament ma jkunx ikkunsidrat biss bhala mezz biex il-kawza titwal indebitament. Ghalhekk fl-imghoddi din il-Qorti qieset tali nuqqas ta' azzjoni bhala accettazzjoni tal-istat ta' fatt li jkun ezistenti fl-atti tal-kawza sa dakinhar (Vide s-sentenzi citati mill-appellanti sija pure dwar kwistjonijiet differenti; **Galea v. Camilleri,** 1 ta' Lulju 2005 fejn dwar ilment li tqajjem fis-sede tal-Appell il-Qorti qalet hekk: *"L-ilment imqajjem illum f'dan ir-rikors ta' appell baqa' ma tqajjem qatt quddiem l-ewwel Qorti u dan nonostante li kienu saru diversi seduti quddiem dik il-Qorti, qabel ma l-kawza giet deciza fil-5 ta' Marzu, 2002. L-atturi pprocedew ghall-atti successivi u pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom minghajr ma qatt qajmu din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti – b'hekk l-ilment taghhom mhux gustifikat ...* u **Euroweb v. Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni,** Appell Inferjuri 22 ta' Novembru 2006. Il-principju li ghandu johrog minn dawn is-sentenzi huwa li t-talbiet tal-partijiet dwar l-andament tal-kawza ghandhom ikunu tempestivi u mhux isiru meta l-kawza tkun waslet fi stadju ulterjuri jekk mhux addirittura avvanzat u waslet biex tigi deciza – jew aghar minn hekk kif gara fiz-zewg sentenzi appena citati, l-ilment jitressaq fi stadju ta' appell meta seta' tressaq

ferm aktar qabel. Fil-kaz in ezami, certament it-talba tal-appellata messha saret hafna qabel.

Naturalment dwar l-allegati kontradizzjonijiet fis-sentenzi inkwistjoni u jekk ghandhiex tigi milqugha t-talba tas-socjeta` attrici biex tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza li ghaddiet in gudikat l-Egittu, il-Prim' Awla trid tiddeciedi l-ewwel hi u m'hijiex materja biex tigi deciza minn din il-Qorti f'dan l-istadju.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-appellanti, tirrevoka u thassar id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Gunju 2014 u kwindi tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata dedotta fir-rikors tat-28 ta' Mejju 2014 u allura tiddikjara maghluqa l-provi tal-partijiet. Tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti biex tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza; l-ispejjez ta' dan l-incident a karigu tas-socjeta` appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld